MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 356/2008

**Asive B C gia D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti A*sive* B D u l-intimat E D zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awwissu tas-sena elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat u ma kienx hieles peress illi ittiehed b' biza' u pressjoni familjari u socjali;

4. Illi l-partijiet izzewgu proprju peress li r-rikorrenti inqabdet tqila qabel iz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-Ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fl-24 ta' Awwissu 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a], u dak tal-partijiet fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Milli provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Awwissu 1996, meta allura t-tnejn kellhom 17-il sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien sena u ftit xhur, u meta l-attrici kellha kwazi tlett xhur tqala. F' dan iz-zwieg tiweldu zewgt itfal : fil-31 ta' Dicembru 1996, u fil-11 ta' Marzu 2003. Wara konvivenza ta' circa disa' snin, il-partijiet isseparaw de facto, u fil-15 ta' Frar 2008 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tispjega li, wara xi sena li kienet ilha tohrog mal-konvenut, hija harget tqila minnu. Dan il-fatt kien kagun ta' biza' kbira li kellhom il-partijiet, partikolarment l-attrici, stante li z-zewg partijiet kienu ghadhom zghar hafna. Eventwalment, tramite ohtha, saru jafu l-genituri ta' l-attrici, bir-rizultat li, sforz il-pressjoni ta' dawn, kagunat mill-pressjoni tac-cirkostanzi, il-partijiet iddecidew li jizzewgu biex isolvu l-problema. Di fatti l-preparamenti ghat-tieg saru malajr, u z-zwieg sar meta l-attrici kellha kwazi tlett xhur tqala.

Wara z-zwieg il-partijiet marru joqghodu ghand il-genituri ta' l-attrici ; u fil-31 ta' Dicembru 1996 twieldet it-tifla tal-partijiet, li kellha dizabilita', tant li eventwalment kienet kostretta tghix f' wheelchair.

Wara xi zmien il-partijiet marru joqghodu ghar-rashom, u l-attrici ddecidiet bil-kunsens tal-konvenut, li jkollhom tarbija ohra, mhux ghax kienet kuntenta biz-zwieg, izda unikament sabiex l-ewwel tarbija ma ssibx ruhha wahedha meta ma' l-attrici tigi nieqsa. Fi kliemha : "Jien xtaqt li din [it-tieni tarbija] ikollha xi hadd bhala protezzjoni li jiehu hsieba meta jiena nispicca, mhux nitlaqa' go xi home."[1] Dan jinsab konfermat ukoll mill-konvenut li jghid : "imbaghad iddecidejna [li jkollna tarbija ohra] minhabba l-kbira, peress li disabled, li din il' quddiem ser ikollha l-problemi, u mhux ser jkollha lil hadd min idur biha."[2] Konsegwentement, twieldet it-tieni tifla fil-11 ta' Marzu 2003.

---

[1] Dep. attrici fol.22 *et seq.*
[2] Dep. konvenut fol.43 *et seq.*

L-attrici tispjega li mill-bidu taz-zwieg, il-konvenut qatt ma ha r-responsabbilitajiet tieghu, la bhala ragel mizzewweg u lanqas bhala missier. Kien ihalli lill-attrici waheda, filwaqt li hu johrog wahdu ma' shabu ; u l-oneru kollu tat-trobbija tat-tifla l-kbira, bil-piz kollu li dan kien jirrikjedi, kien waqa' kollu fuq l-attrici, u l-genituri taghha. L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx accettaha l-ewwel tifla ; u tghid li : "minn mindu sar jaf li t-tifla hija bi bzonnijiet specjali, izjed u izjed ma accettahiex. Dan la qatt ma mexxiha barra, ghax qisu jisthi minn nies – mhux qisu – jisthi minn nies, qisu ghandu mostru, jisthi juri li dik bintu. In fatti, anke dan l-ahhar, jigi johodli z-zghira u lill-ohra ma johodhiex."

L-attrici tikkonferma li l-atteggjament irresponsabbli da parti tal-konvenut dam tul il-konvivenza matrimonjali kollha ; u tispjega li s-sitwazzjoni aggravat bit-twelid tat-tieni wild ; "ghax kif kellna t-tieni baby, l-affarijiet marru l-bahar, ttraskura kollox. It-tfal qatt ma ha hsiebhom, lanqas jaf f' liema skola jmorru, la qatt ma jsaqsini t-tifla ghandha bzonn xi operazzjoni, min qed jaraha, xejn.... [u] kien jghidli ghandek il-flus, ghandek it-tfal, ghandek il-vann, mur fejn trid imma lilu ma tqisux. Meta kien ikolli bzonn xi haga, per ezempju t-tfal ma jifilhux, cempel lil missierek .... anke jekk ma niflahx jien, naqbez bid-deni, irrid inqum ghax it-tifla rrid niehu hsiebha bil-lejl 24 siegha, ghax ma ddurx. Inkun ma niflahx, irrid inqum indawwarha. M'ghandekx cans li jghidlek, 'ibqa' rieqda ha nqum indawwarha jien."[3]

Eventwalment l-affarijiet aggravaw wara t-tieni tarbija meta l-konvenut, bl-iskuza ta' xoghol part-time li kien jaghmel peress li l-attrici kienet waqfet tahdem, beda jdhol tard bil-lejl, u okkazzjoni minnhom l-attrici skopriet li kien qed jiffrekwenta mara ohra.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jikkonferma li huwa kien izzewweg lill-attrici unikament peress li dina harget tqila, u kellu pressjoni

---

[3] Ibid.

wkoll minn naha ta' missier l-attrici. Dak iz-zmien huwa, bhal l-attrici, kellu 17-il sena u jghid : "izzewwigna minnhabba t-tarbija, mhux ghax kien hemm xi hsieb li nizzewgu, ghax ta' 17-il sena, lanqas kien jghaddili minn mohhi li nizzewweg jien."[4]

Ghalkemm huwa jghid li sat-twelid tat-tieni tabrija, iz-zwieg, minn naha tieghu kien sejjer "all right", jikkonferma li wara l-ewwel tarbija huma kienu ddecidew li ma jkollhomx aktar tfal, izda wara hames snin kienu bidlu l-ideja ghar-raguni fuq indikata.

Imbaghad wara t-twelid tat-tieni tarbija "ma bdejnhiex naqblu, bdejt inhoss qisu piz fuqi, u beda jinqala' l-inkwiet, u hekk."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ma hemmx dubju li d-decizjoni tal-partijiet li jizzewgu, kienet unikament dovuta ghat-tqala ta' l-attrici b' element qawwi ta' pressjoni morali fuq l-attrici sabiex dina tidhol fl-istat taz-zwieg malajr kemm jista' jkunu ; izda mill-provi jirrizulta manifest li l-konvenut ma kienx ippreparat ghal dan il-pass, tant li wara z-zwieg huwa ma refax ir-responsabbilitajiet tieghu lejn l-attrici, u eventwalment lejn it-tfal tieghu, u kien ihalli lill-attrici tfendi ghar-rasha, bl-ghajnuna tal-genituri taghha, filwaqt li hu kien jahsel idejh. Sfortunatmanet huwa baqa' b' dan l-atteggjament anke meta telqu mid-dar tal-genituri taghha u marru jghixu ghar-rashom, u f' dan l-istadju l-attrici bdiet thoss aktar il-piz tal-familja u tat-trobbija tat-tifla l-kbira, u eventwalment tat-tieni tarbija.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Filwaqt li jigi osservat li, iz-zewg partijiet kienu ghadhom taht l-eta' meta ddecidew li jizzewgu, il-provi juru li, ghalkemm irrizulta li l-attrici kienet assumiet ir-responsabbilitjiet taz-zwieg, il-konvenut dan m' ghamlux, u, b' sens qawwi ta' egojizmu, baqa' jfrarfar ir-responsabbilitajiet matrimonjali tieghu.

---

[4] Dep. konvenut fol.43 *et seq.*

Il-Qorti hija tal-fehema li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, il-konvenut ma kienx gharaf l-obbligi tal-hajja konjugali, u kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja matrimonjali, u inoltre, l-egojzmu tieghu kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jibnu bejniethom "a community of life and love". Huwa wera li kien inkapaci li jassumi l-obbligi tieghu naxxenti minn unjoni diretta lejn il-benessere reciproku u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi fil-konfront tal-attrici, din il-qorti ma tirravviza xejn censurabbli, ghajr li l-attrici messa qadet attenta kif iggib ruhha mal-konvenut, allura gharus taghha, qabel iz-zwieg ; izda ma tirravviza ebda caput nullitatis indikat minnha fir-rikors promotur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmeAli tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta' Awwissu 1996.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------